# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 19/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/633/UE tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni tar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/462/UE tat-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjonijiet 2002/731/KE, 2002/732/KE, 2002/733/KE, 2002/735/KE u 2006/66/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2002/730/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/463/UE tat-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/679/KE u 2006/860/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità [3] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/464/UE tat-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/861/KE, 2008/163/KE, 2008/164/KE, 2008/217/KE, 2008/231/KE, 2008/232/KE, 2008/284/KE, 2011/229/UE, 2011/274/UE, 2011/275/UE, 2011/291/UE u 2011/314/UE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità [4] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(5) Id-Deċiżjoni 2012/462/UE tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/730/KE [5] li hi inkorporata fil-Ftehim ŻEE u li konsegwentement titħassar skont il-Ftehim.

(6) L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness XIII tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punti 37ab (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/731/UE) u 37af (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/735/KE):

"— **32012 D 0462**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/462/UE tat-23 ta' Lulju 2012 (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 1)."

2. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 37ac (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/217/KE):

"37aca. **32012 D 0462**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/462/UE tat-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjonijiet 2002/731/KE, 2002/732/KE, 2002/733/KE, 2002/735/KE u 2006/66/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2002/730/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 1)."

3. Dan li ġej jiżdied mal-punt 37ad (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/733/KE):

", kif emendat bi:

— **32012 D 0462**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/462/UE tat-23 ta' Lulju 2012 (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 1)."

[1] ĠU L 256, 1.10.2011, p. 1.
[2] ĠU L 217, 14.8.2012, p. 1.
[3] ĠU L 217, 14.8.2012, p. 11.
[4] ĠU L 217, 14.8.2012, p. 20.
[5] ĠU L 245, 12.9.2002, p. 1.

4. Dan li ġej jiżdied mal-punti 37ac (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/217/KE), 37ag (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/284/KE), 37ah (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/232/KE), 37dg (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/275/UE), 37dh (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/274/UE), 37 g (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/229/UE), u 37 m (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/164/KE):

", kif emendat bi:

— **32012 D 0464**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/464/UE tat-23 ta' Lulju 2012 (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 20)."

5. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punti 37db (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/163/KE), 37di (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/291/KE) u 371 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE):

"— **32012 D 0464**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/464/UE tat-23 ta' Lulju 2012 (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 20)."

6. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 37dl (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE):

"37dm. **32011 D 0633**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/633/UE tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni tar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja (ĠU L 256, 1.10.2011, p. 1)."

7. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 37 g (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/229/UE):

"37ga. **32012 D 0462**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/462/UE tat-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjonijiet 2002/731/KE, 2002/732/KE, 2002/733/KE, 2002/735/KE u 2006/66/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2002/730/KE dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 1)."

8. Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 37i (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/88/UE):

"37ia. **32012 D 0463**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/463/UE tat-23 ta' Lulju 2012 li temenda d-Deċiżjonijiet 2006/679/KE u 2006/860/KE dwar speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità (ĠU L 217, 14.8.2012, p. 11)."

9. Jitħassar it-test tal-punt 37aa (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/730/KE).

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/633/UE, Deċiżjonijiet 2012/462/UE, 2012/463/UE u 2012/464/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta'ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Indikati rekwiżiti kostituzzjonali